MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Numru 879/2003

**vs**

**MATTHEW SALIBA u ANDRE TEDESCO**

**Illum 7 ta' Novembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Matthew Saliba ta' 17-il sena, iben Nazzareno u Grace nee Bartolo, imwieled Pieta nhar 26 ta' Gunju 1986 u joqghod Il-Merzuq, Triq San Pawl, Attard, dettentur tal-karta ta' l-identita nru: 296986M.
U
Andre Tedesco ta' 17-il sena, iben Dominic u Joan nee Mifsud, imwieled Pieta nhar 9 ta' Settembru 1986 u

joqghod 6, triq il-Ponta, Sliema, dettentur tal-karta ta' l-identita nru: 423486M gew akkuzati:

Talli fit-30 ta' Awissu 2003,

Ghall-habta tal-23.15 ta' bil-lejl mill-fond mgharuf bhala Sinners in Heaven, Triq San Gorg, San Giljan ikkommetta serq ta' handbag li kien jikkontjeni oggetta ghad-detriment ta' Paula Scicluna minn Hal Balzan, liema oggetti jiswew iktar minn hamsin Lira Maltin (Lm 50) izda anqas minn mitt Lira Maltin (Lm 100), u liema serq huwa aggravat bil-'hin', u dan bi ksur ta' Artikoli 261, u 270 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar fl-istess gurnata, hin, lok u cirkostanzi, xjentatment laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikolu 334 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebiet bhala Dok RG1 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li nkwantu ghat-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni, din l-akkuza inghatat fil-konfront tal-imputati bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq u ghalhekk talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Innutat li l-imputati ammettew l-ewwel akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le u wara li regghu gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja ta' l-ewwel akkuza.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li diga' rritornaw ir-rifurtiva u wkoll b'referenza ghad-Dok RG6 esebiet minnu llum id-derubata m'ghadhiex interessata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Matthew Saliba u Andre Tedesco, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza u wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta' tenera tal-imputati, il-fedina penali netta taghhom, il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputati kkoperaw mal-Pulizija u li diga' rritornaw ir-rifutiva u wkoll b'referenza ghad-Dok RG6 esebit minnu llum li d-derubata m'ghadhiex interessata, tillibera lill-istess zewg imputati taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn millum.

Inkwantu ghat-tieni akkuza moghtija fil-konfront taz-zewg imputati li tirrigwarda ricettazzjoni, stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Matthew Saliba u Andre Tedesco l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------